MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 401/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**Vs**
**Andrew Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar il-20 ta’ Dicembru 2006 ghall-habta ta’ 2.30pm gewwa Triq il-Lice oil- Hamrun ittanta li jikkometti serq ta’ oggetti u apparta ta’ hi-fi min gewwa Vettura tal-Kia b’numru ta’ registrazzjoni LCA705 a detriment ta’ Sarah Jane Caruana minn Hal-Tarxien liema serq ma sehhx minhabba xi haga acidentali u indipendenti mill-Volonta tieghu u dan ai terminu tal-artikolu 41(a), liema attentat ta serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263 u 271(g), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u circostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' parti minn Vettura KIA bin-numru tar-registrazzjoni LCA705 ghad-dannu ta' Sarah Jane Caruana u dan ai terminu tal-artikolu 325 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 41(1)(a), 261(b)(c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 279, 280(2) u 325(b) tal-Kap. 9 u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant fuq ammissjoni hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-kawza, kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija u hames mija w tnejn u tmenin Euro u erba' u tletin centezmi ta' Euro (€582.34) multa.
Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti f'din il-kawza bhala Dok. MT10.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess sentenza fejn din sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tvarja l-istess sentenza fejn din ikkundannatu hmistax il-xahar prigunerija u minflok tipprovdi ghal aktar piena mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva u mhux idoneja;
2. Illi ghandu jigi relevat li ghad li huwa minnu li l-appellant fi zmien kien qed jghix hajja ta' delinkwenza attwalment huwa rriforma ruhu u llum jinsab pjenament integrat fis-socjeta'

3. Jinghad li meta kien zghir l-appellant kien inondat bi problemi socjali u kien waqa fuq id-dipendenza tad-droga;
4. illi f'mument minnhom iltaqgha ma' l-gharusa prezenti tieghu u bl-ghajnuna taghha huwa dahal isegwi programm ghar-rihabilitazzjoni mid-dipendenza tieghu tad-droga u llum qed isegwi pjanament l-istruzzjonijiet tal-Probation Officer tieghu;
5. Illi hawn inter alia dik il-Qorti irriteniet li l-fatt li bniedem ikun recediv u li jkun fil-passat ghix hajja raffrettarja ma jistax jinghad li per tali konsegwenza qatt ma ghandu jinghata l-opportunita' jirriforma ruhu. Fil-fatt l-iskop ahhari tal-piena fiz-zminijiet tal-lum huwa appuntu r-riforma ta' dak li jkun u l-ghan ewlieni hu li l-akkuzat jigi pjenament rihabilitat fis-socjeta' meta dan ikun possibbli;
6. Illi dik il-Qorti rrimarkat li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn l-akkuzat tinfetahlu a "window of opportunity" sabiex dan ikun jista' jibqa mixi fit-triq it-tajba u ghalhekk il-Qrati m'ghandhomx jiskartaw tali possibilita' a prijori minhabba il-precedenti tal-akkuzat;
7. Illi in effetti hekk gara fil-kaz odjern fejn lill-appellant infethitlu tali "window of opportunity" u dan fis-sens li llum jahdem, segwa pjenament programm tar-rihabilitazzjoni u ghandu gharusa li qed ittih kull sostenn biex jibqa' jimxi fit-triq it-tajba;
8. illi ta' min jghid li fil-kaz in dizamina fortunatament hadd ma sofra riperkuzzjonijiet ta' natura pekunjarja u l-appellant minn issa jiddikjara li hu dispost li jhallas ghal xi danni li setgha kkawza fuq il-vettura indikata.

Ikkunsidrat :

Illi dan huwa appell limitat ghall-piena, peress li mhix qed tigi kontestata d-dikjarazzjoni ta' htija illi saret quddiem l-Ewwel Qorti, pero` qeghda tintalab li tigi riformata l-piena karcerarja peress illi l-appellant ghaddej minn perjodu tajjeb li jimmerita jigi kkunsidrat a beneficju tieghu u tas-socjeta` in generali, u ghalhekk id-difiza talbet illi tinghata "window of opportunity" lill-appellant biex ma jergax imur lura ghal dik il-hajja rifrettarja li kellu.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi l-appellant ammetta l-akkuzi kwindi l-Qorti ma kellhix alternattiva hlief tinflitti l-piena karcerarja.

L-appellant ghandu fedina penali ta' erbatax-il faccata. Inghata kull opportunita` mill-Qorti biex jirriforma ruhu izda ma tahx kaz. Bniedem ta' rasu iebsa w ma jridx jara tobba illi jistghu jghinuh.

Saret referenza ghax-xiehda li ta l-probation officer Ivan Sultana f'seduta tal-11 ta' Gunju, 2010 fejn inghad illi l-appellant huwa bniedem impulsiv u jaghmel li jfettillu. Mhux dejjem jattendi ghall-laqghat u bhala "average" minn hames appuntamenti ifalli wiehed minghajr raguni partikolari. Di piu`, darba inghata kull opportunita` biex jirriforma ruhhu mhux il-kaz illi issa l-Qorti ghandha taghti opportunita` ohra lill-appellant u jekk irid jirriforma ruhhu dana jista' jaghmlu mill-habs civili ta' Kordin.

Ikkunsidrat :

Ghall-ewwel din il-Qorti kienet propensa illi taqbel mal-argument ta' l-Avukat Generali. Fedina penali ta' erbatax-il faccata mihiex xi cajta aktar u aktar meta dawn jinkludu l-possibilitajiet kollha sabiex persuna tiehu l-opportunitajiet u jirriforma ruhhu.

Sakemm il-Qorti rat is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Appell 09.10.2008 fejn, fost affarijiet ohra l-Qorti qalet ".....kemm hi zbaljata l-idea sintistika ..... li ghax persuna kienet inghatat precedentement xi forma ta' "non custodial sentence" allura hija necessarjament m'ghandhix terga tinghata probation. Kif inghad, kollox jiddependi fuq il-fatti speci partikolari ta' dan il-kaz, b'mod specjali fuq il-"prospect of success" ta' dik il-mizura partikolari ghal dik li hija r-riforma tal-hati."

F'dan il-kaz il-Qorti kellha l-beneficcju li tisma` lill-probation officer Ivan Sultana f'zewg seduti differenti u setghet tinnota illi fl-ahhar seduta Ivan Sultana jirreferi ghall-appellant f'termini ferm differenti li meta xehed fis-

seduta fil-11 ta' Gunju, 2011. Hawnhekk Ivan Sultana jghid illi ilu jsegwi lill-appellant hames snin u li dan hu l-ahjar zmien tieghu. Qed jaghmel sforz biex jirranga hajtu. Qed jirrizulta clean mid-droga w jzomm l-appuntamenti kemm mieghu kif ukoll mal-Caritas. Sab xoghol pero` bla ktieb minhabba l-possibilita` tal-habs ma jistax isib xoghol stabbli.

Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-informazzjoni hija indikattiva bizzejjed illi hemm "prospect of success" ta' mizura partikolari ghar-riforma tal-appellant u jkun il-kaz illi tigi mibdula l-piena w tinghata minflok "a non custodial measure", bl-awgurju illi l-appellant juza din il-mizura a beneficcju tieghu u jaghmel l-almu kollu sabiex ikompli ghaddej f'din it-triq it-tajba illi ddeskriva l-probation officer Ivan Sultana.

Taghmilha cara pero` illi dina hija l-ahhar darba illi l-appellant Andrew Formosa jista' jibbenefika minn tali mizura. Jekk jerga` jikser difru mal-ligi, jew ma joqghodx ghall-ordnijiet tal-probation officers allura f'dan il-kaz il-Qorti ma jkollhix triq ohra hlief li tinsa ghal kollox dawn il-mizuri u tirritorna ghal "custodial sentences" skond il-kaz.

Ghal dawn il-motivi taqta` w tiddeciedi billi tilqa` l-appell, tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Ottubru 2009 billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tvarja l-istess sentenza fejn minflok hmistax (15) il-xahar prigunerija w il-hlas ta' multa ta' €582.34 tpoggi lill-appellant Andrew Formosa taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin. Tikkonferma fil-bqija s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------